**MINUTI**

**Laqgha  tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 51

**28 ta' Frar 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja  - Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

## 51.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

51.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Oriana Calleja li ma settetx tattendi ghal-laqgha minhabba raguni ta' xoghol.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

51.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 51.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

51.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ccirkulati u li ttiehdu bhala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti issekondat.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.

## 51.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

51.4.1 Is-Sindku saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv hekk kelmitx lil xi hadd biex jibda jippreparalna t-tenders kif ukoll jghin lill-Evaluators kif ghandhom jaghtu l-marki fuq is-sistema tal-epps. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kelmet lil ex-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Qrendi u accetta. Hija spjegat li ovjament li l-Kunsill irrid ittieh l-ispesifikazzjonijiet ta' kull tender biex huwa ikun jista jipprepara d-dokumenti kollha mehtiega.

51.4.2 Is-Sindku qal li avvicinah l-owner tal-Amigos fejn infurmah linquddiem il-hanut tieghu qed jingemma kju ta' nies. Ghaldaqstant huwa qed jitlob li jsiru barriers ghas-safety tan-nies minhabba li l-hanut jinstab fid-dawra tat-triq u facli li xi hadd jitlef il-kontroll tal-karozza.

Is-Sindku infurma lill-Kunsilliera li hemm 2 options li nistghu naghmlu jew barriers semplici bhal ma naghmlu ssoltu jew inkella l-owner offra li spejjez tieghu, jaghmel barriers bir-riklam. Is-Sindku qal li hekk niddeciedu li ntuh permess li jaghmel il-barriers huwa, il-Kunsill jista jitolbu xi haga tal-flus tar-riklam.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li naghmlulu U-Bars minn dawk il-komuni umbad hekk l-owner ikun irrid li jaghmel struttura isbah jista jressaq proposal il-Kunsill.

51.4.3 Is-Sindku qal li rcevejna e-mail fejn infurmawna li hemm xi progett tal-EU fully funded fejn inkunu partners ma xi lokalitajiet ohra u l-Kunsill taghna wera interess ghal dan il-progett. Il-Kunsill qabel.

51.4.4 Is-Sindku ta' spjegazzjoni hafifa rigward il-fondi li regu hargu r-Regjun Lvant. Huwa qal li fil-laqgha li jmiss niddiskutu dawn il-fondi u niddeciedu x' ser inkunu se naghmlu b'dawn il-fondi biex is-Segretarju Ezekuttiv tkun tista tinfurma lir-Regjun Lvant.

51.4.5 Is-Sindku qal li avvicinah persuna li ghandu ufficju gewwa Triq Principessa Elizabetta fejn wera x-xewqa li jkabbar l-ufficini tieghu. Din il-persuna saqsieh hekk b'xi mod jistghux jghinu lill-Kunsill.

Is-Sindku qallu li xi haga interessanti tkun li jibdew jikkowordinaw mal-kumpaniji privati l-hin ta' meta se jibda jingabar l-iskart peress il-Kunsill minn Jannar ma setax jibqa jigbor tal-entitajiet privati.

Is-Sindku qal li l-proposta tieghu ghogbitu u talbu biex intuh ftit zmien minhabba li ghandu mard serju fil-familja.

51.4.6 Is-Sindku qal li rcevejna kommunikazzjoni minghand il-FITA services fejn infurmawna li dawn jistghu jigu l-kunsill u jaghtu xi korsijiet b'xejn lir-residenti. Huwa qal li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv tikkomunika mal-Vici Sindku Oriana Calleja peress li jaqa taht id-dikasteru taghha.

Huwa qal li fl-opinjoni tal-Vici Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv l-iktar korsijiet interessanti Ghar-residenti taghna huma kif tuza whatts' app, facebook, you tube, messenger, booking flights, booking taxis, using e-government apps, e-id system, browsing the internet, basic smart phone skills u sending messages.

Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li apparti dawn il-korsijiet ghandna nsibu minn jaghmlielna Xi korsijiet rigward mard mentali minhabba li hawn hafna residenti li qed ibaghtu bid-dimentia.

## 51.5 Public Toilets;

51.5.1 Is-Sindku qal li l-progett tal-Public Toilets kwazi lest u jemmen li sa xahar id-diehel jkun lest. Ghaldaqstant xtaq jiddiskuti kif il-Kunsill se jibda jopera u mmantnu dawn il-Public toilets. Fl-opinjoni tieghu huwa qal li hemm 4 options:

- Nqabdu l-kuntrattur tal-knis u jiehu hsieba huwa bhala extra work
- Naraw hekk hemmx xi hadd mill-istaff jixtieq li jaghmel naqa overtime u jkun interessat li jibda jiehu hsieba huwa.
- Nohorgu tender
- Nistghu nqabdu kemm kuntrattur kif ukoll impjegat tal-kunsill biex hekk ghal kaz ikun fuq vacation/sick leave jkun hemm xi hadd jirriplessjah.

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li s-Sur Christopher Cauchi kien avvicinah u wera interess li jibda jiehu hsieba huwa.

Il-Kunsill qabel unanimament li hekk hemm xi hadd mill-istaff huwa interessat ghandna ntuh l-opportunita' li jiehu hsiebhom. Ghaldaqstant gie deciz li fil-jiem li gejjien ghandna

nkelmu lis-Sur Christopher Cauchi biex infemuh sewwa x'se tkun ir-resposabbilita' tieghu u naraw hekk hux lest li jaccetta dan ix-xoghol u nergghu niltaqaw u niddiskutu l-way forward.

51.5.2 Wara diskussjoni gie deciz li l-Public Toilets ikunu miftuhin mix-xahar ta' Mejju sa Ottubru jkunu miftuhin bejn 8am sa 11pm u fix-xitwa bejn Novembru u April ikunu miftuhin bejn 8am sas-7pm. Gie deciz ukoll li waqt dawn il-hinijiet irrid ikun hemm persuna l-hin kollu maghhom biex innaqsu l-abbuzi u nzommuhom dejjem nodfa.

51.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament li biex innaqsu ukoll l-abbuz tigi nstallata kamera.

## 51.6 Performance Bonus Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv;

51.6.1 Is-Sindku pprezenta l-performance bonus appraisal lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rapport li pprezenta s-Sindku.

## 51.7 Kanuni x-xatt ta' Ta' Xbiex

51.7.1 Is-Sindku qal li l-Fondazzjoni tat-turizmu ghamlet studju go Ta' Xbiex. Wiehed mill-istudju kienet dwar il-kanuni li hemm mdahlin gol blat matul ix-xatt ta' Ta' Xbiex. Is-Sindku qal li huma wrew ix-xewqa li dawn il-kanuni jigu restawrati u wara jitfawhom fil-Muzew Maritimu. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li huwa mil-ewwel oggezzjona ghal din il-proposta u ssuggerrixxa li wara li jigu restawrati nikkonvincu lill-Heritage Malta u jkun hemm minnhom li nergu npogguhom fil-lokalita' taghna u ohrajn jmorru fil-Muzew Maritimu.

Ghaldaqstant huma gew bi qbil li naghmlu proposta formali u b'hekk jigwadanja kullhadd. aparti hekk is-Sindku qal ukoll li huwa talab li jibghatulna audit fuq kull kanun jew fdalijiet ta' kanun li huma se jsibu.

Il-Kunsill qabel.

## 51.8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

51.8.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet hekk kienx hemm xi update fuq it-tarag id-dejjaq. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li qabdet lill-Council Assistant Matthew Zammit u l-Assistant Principal Anna Micallef biex jikkomunikaw mal-Lands Department biex inkunu nafu minn suppost jiehu hsiebu.

Is-Sindku saqsa rigward id-dawl u l-Kunsillier Eugenio Muscat ikkonferma li l-flood light li hemm in-naha ta' fuq tixeghel.

Il-Kunsill qabel unanimament li xi haga immedjata ghandna nippruvaw nziedu dawl u jibqa jinkienes.

51.8.2 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti saqsiet hekk iccekjajniex rigward kemm l-istaff li jilghabu man-nazzjonal kemm huma entitled ghal-isports leave. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li iccekjat mad-dipartiment fejn infurmawha li ghandhom dritt ghall-10 events kull sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv ziedet ukoll li xtaqet tinfurmahom li bhalissa tinsab hafna dissapuntata minhabba li thoss li l-iskrivan Liam Schembri mhux qed jikkopera u m'ghandux interess biex jitghallem ix-xoghol tieghu.

Wara diskussjoni gie deciz li s-Sindku jkelmu u jigbidlu l-attenzjoni li l-Kunsill m'huwiex kuntent bih u jigbidlu l-attenzjoni li ghandu bzonn jimpruvja fix-xoghol tieghu.

51.8.3 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti staqsiet rigward l-underground bins minhabba li sal-weekend li ghadda kienu ghadhom out of order. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se taghmel follow up taghha.

51.8.4 Il-Kunsillier Eugenio Muscat irrimarka li s-sigra tax-xatt mietet u qed jissuggerrixxi li tinqala u nhawlu ohra floka. Il-Kunsill qabel

51.8.5 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti saqsiet hekk trangawx it-tarag li hemm hdejn l-Amigos li qedien fin-nofs minghajr poggaman. Is-Segretarju Ezekuttiv irrispondiet li se tkun qed tkellem l-owner u tara li jsiru.

.

## 51.11 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

51.11.1 Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ssuggerriet li ghandna ngiebu kwotazzjonijiet ta' periti li jahdmu b'retainers minhabba li qed jkollna s-servizz ta' perit biex napplikaw ghall-iskemi li qed jinhargu.

Il-Kunsill infurma lill-Kunsill li ghal din is-sena l-ispejjez tal-perit nistghu nibdew nikklemajawhom mill-iskema li qed johorgu Regjun Lvant.

Il-Kunsill qabel unanimament.

51.11.2 Il-Kunsillier Ronnie Portelli qal li hemm bzonn issir barrier min dawn tal-hadid it-tawalien li jsiru fil-kantunieri fi Triq Abate Rigord fejn hemm CKC cafeteria. Huwa qal li peress li ghandu l-imwejjed fuq barra, fil-kantuniera n-nies li jkun hemm bilqeda jinsabu f'periklu.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir fl-imedjat.

## 51.12 Rapporti mill-Kunsilliera;

51.12.1 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti qalet li xtaqet tinfurmana li fil-parata tal-Karnival innutat li kien hemm hafna nies li hargu fil-gallarija u kien hemm anke nies li s-soltu ma jigux ghall-attivitajiet li naghmlu tas-soltu u rceviet hafna kummenti possitivi. Is-Sindku u l-kumplament tal-kunsilliera qablu ukoll li kienet ta' success.

## 51.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir it-Tlieta 28 ta' Frar 2023 fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 28 ta' Frar, 2023.

| | |
|---|---|
| _______________________ | _______________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |